32004R0857

L 161/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 30.4.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM), Nru 857/2994 tad-29 ta' April 2004 li jiffissa mill-1 ta' Mejju 2004 il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għall-ħlas ta' l-uffiċjali u tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej fl-Istati Membri l-ġodda

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti dwar il-Personal ta' l-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, kif stabbiliti fir-Regolament (KEE, *Euratom*, KEFA) Nru 259/68 ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, *Euratom*) Nru 723/2004 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65, 65a u tar-Regolamenti dwar il-Personal u l-Anness XI ta' miegħu u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20 u l-Artikolu 64 tal-Kondizzjonijiet tax-xogħol,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

L-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-1 ta' Mejju 2004 tfisser illi l-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għall-ħlas ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jiġu kkalkolati għal dawn l-Istati Membri skond l-Anness XI tar-Regolamenti dwar il-Personal,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Mejju 2004 il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni li japplikaw għall-ħlas ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jservu f'wieħed mill-Istati jew fil-postijiet tax-xogħol elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Ċipru | 88,0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 88,8 |
| L-Estonja | 77,5 |
| L-Ungerija | 81,9 |
| Il-Latvija | 76,1 |
| Il-Lituwanja | 77,6 |
| Malta | 88,0 |
| Il-Polonja | 72,4 |
| Is-Slovenja | 84,9 |
| Is-Slovakkja | 83,8 |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. McDOWELL

([1]) ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 124, tas-27.4.2004, p. 1.